



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' Marzu 2024  
(OR. en)

7660/24

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2024/0063(NLE)

---

---

PECHE 111  
UK 35

#### **ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett:                   REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2024/257 li jstabilixxi għall-2024, l-2025 u t-2026 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni

---

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2024/...**

**ta'...**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2024/257 li jistabbilixxi għall-2024, l-2025 u t-2026 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/257<sup>1</sup> jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2024, l-2025 u l-2026 għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-qabdiet totali permissibbli (total allowable catches, TACs) u l-limiti tal-isforz tas-sajd, u l-miżuri funzjonalment marbuta mat-TACs u mal-limiti tal-isforz tas-sajd stabbiliti bir-Regolament (UE) 2024/257, jiġu emendati biex iqisu l-pubblikazzjoni tal-parir xjentifiku, kif ukoll l-eżiti tal-konsultazzjonijiet ma' pajjiżi terzi, u tal-laqgħat tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (regional fisheries management organisations, RFMOs).
- (2) Ir-Regolament (UE) 2024/257 stabbilixxa TAC għar-rebakkini u r-raj (*Rajiformes*) fl-ilmijiet tal-Unjoni u tar-Renju Unit tad-diviżjonijiet 6a, 6b, 7a sa 7c u 7e sa 7k tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (International Council for the Exploration of the Sea, ICES). Dak ir-Regolament stabbilixxa wkoll kundizzjoni speċjali taħt dik it-TAC. Dik il-kundizzjoni speċjali tippermetti li l-qabdiet tar-raja għewejna (*Raja microocellata*) jinqabdu fid-diviżjoni 7e tal-ICES (il-Kanal tal-Punent) mill-Unjoni u mir-Renju Unit fl-2024, biex ikun jista' jsir sajd sentinella għall-fini tal-ġbir tad-data bbażat fuq is-sajd għal dak l-istokk kif ivvalutat mill-ICES. Sabiex tiġi prevista ċ-ċertezza legali u biex ikunu jistgħu jitwettqu "programmi ta' monitoraġġ" tas-sajd sentinella, jenħtieġ li l-kwantitajiet skont dik il-kundizzjoni speċjali jiġu allokati lill-Istati Membri f'konformità mal-prinċipju ta' stabbiltà relattiva u l-koeffiċjent tal-allokkazzjoni għar-rebakkini u r-raj fl-ilmijiet tal-Unjoni u tar-Renju Unit tad-diviżjonijiet 6a, 6b, 7a sa 7c u 7e sa 7k tal-ICES.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/257 tal-10 ta' Jannar 2024 li jistabbilixxi għall-2024, l-2025 u l-2026 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/194 (ĠU L, 2024/257, 11.01.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/257/oj>).

- (3) Fil-konsultazzjonijiet bilaterali dwar l-istabbiliment tal-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet elenkati fl-Anness 35 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra<sup>2</sup> ("il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni"), l-Unjoni u r-Renju Unit stabbilixxew, għall-ewwel darba, TACs għal 2024 għal: (i) il-barbun ilsien il-kelb (*Glyptocephalus cynoglossus*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 3a tal-ICES; (ii) il-lingwata ħalqha żgħir (*Microstomus kitt*) f'dik iż-żona; u (iii) il-barbun lixx (*Scophthalmus rhombus*) f'dik iż-żona. Sakemm jintlaħaq ftehim bejn l-Istati Membri dwar kif għandhom jiġu allokat i dawk l-opportunitajiet tas-sajd, it-TACs għal dawk l-istokkijiet ġew immarkati fir-Regolament (UE) 2024/257 "għad iridu jiġu stabbiliti". Jenħtieġ li t-TAC u l-kwota tal-Unjoni għal dawk l-istokkijiet jiġu stabbiliti għall-perjodu u fil-livell miftiehem mar-Renju Unit, u jenħtieġ li dawk il-kwoti tal-Unjoni jiġu allokat i lill-Istati Membri f'konformità mal-ftehim milħuq bejn l-Istati Membri kkonċernati dwar il-koeffiċjenti tal-allokkazzjoni għal dawk l-istokkijiet fit-18 ta' Marzu 2024.
- (4) Fis-7 u t-8 ta' Marzu 2024, l-Unjoni u r-Renju Unit wettqu konsultazzjonijiet bilaterali skont l-Artikolu 498(2), (4) u (6) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni dwar il-livell tat-TAC għaċ-ċiċċirell u l-qabdiel aċċessorji assoċjati (*Ammodytes* spp.) fl-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-ICES, fl-ilmijiet tar-Renju Unit tad-diviżjoni 2a tal-ICES, u fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 3a. L-eżitu ta' dawk il-konsultazzjonijiet ġie ddokumentat f'Rekord bil-Miktub iffirmat fit-12 ta' Marzu 2024. Għaldaqstant, jenħtieġ li t-TAC rilevanti tiġi stabbilita fil-livell miftiehem mar-Renju Unit.

---

<sup>2</sup> ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10.

- (5) Fit-12-il laqgħa annwali tagħha fl-2024, l-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku (South Pacific Regional Fisheries Management Organisation, SPRFMO) adottat limiti ta' qbid għas-sawrell (*Trachurus murphyi*) u żammet is-sajd esploratorju għall-pixxisinna (*Dissostichus* spp.). Barra minn hekk, l-SPRFMO żammet jew emendat miżuri funzjonalment marbuta. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.
- (6) Fil-laqgħa annwali tagħha tal-2023, il-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali (Western and Central Pacific Fisheries Commission, WCPFC) iddeċidiet li żżomm il-limiti tal-isforz tas-sajd bit-tartarun tal-borża u l-għadd massimu ta' dawn il-bastimenti li jistadu għat-tonn tropikali. Ġew emendati d-dispożizzjonijiet relatati mal-ġestjoni tat-Tagħmir biex Jinqabad il-Ħut (Fish Aggregating Devices, FADs) fis-sajd għat-tonn tropikali, u b'mod partikolari mal-għeluq tal-FAD. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

- (7) Il-limiti tal-isforz tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu għat-tonn (*Thunnus thynnus*) fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (International Commission for the Conservation of Atlantic Tunas, ICCAT) u l-input u l-kapaċità massimi għall-farms tat-tonn fl-Unjoni, f'dik iż-żona, huma bbażati fuq l-informazzjoni pprovduta fil-pjanijiet annwali għas-sajd, fil-pjanijiet annwali għall-ġestjoni tal-kapaċità tas-sajd u fil-pjanijiet għall-ġestjoni tat-trobbija għat-tonn fl-Istati Membri, stabbiliti f'konformità mal-Artikoli 11, 13 u 15 tar-Regolament (UE) 2023/2053 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup>. L-Istati Membri għandhom jissottomettu dawk il-pjanijiet lill-Kummissjoni sal-31 ta' Jannar ta' kull sena, skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) 2023/2053. Dawk il-pjanijiet imbagħad jiġu kkompilati mill-Kummissjoni u jiffurmaw il-bażi għall-istabbiliment ta' pjan annwali tal-Unjoni, li jintbagħat lis-Segretarjat tal-ICCAT għad-diskussjoni u l-approvazzjoni mill-ICCAT, kif meħtieġ mill-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) 2023/2053. F'konformità mar-regoli tal-ICCAT riveduti fil-laqgħa annwali tagħha tal-2023, il-farms tat-tonn inattivi u l-kapaċitajiet tat-trobbija relatati għall-ewwel darba ma ġewx inklużi f'dak il-pjan annwali tal-Unjoni għall-2024. Il-pjan annwali tal-Unjoni għall-2024 ġie approvat mill-ICCAT fis-6 ta' Marzu 2024. Għalhekk, jenħtieġ li l-limiti tal-isforz tas-sajd tal-Unjoni u l-input u l-kapaċità massimi tat-trobbija tal-ħut tal-Unjoni għall-2024 jiġu emendati f'konformità ma' dak il-pjan annwali.

---

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) 2023/2053 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 li jistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1936/2001, (UE) 2017/2107, u (UE) 2019/833 u li jħassar ir-Regolament (UE) 2016/1627 (ĠU L 238, 27.9.2023, p. 1).

- (8) Il-kwoti tal-Unjoni għall-istokkijiet fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT għall-2024 ġew aġġustati matul il-laqgħa annwali tal-ICCAT f'Novembru 2023 f'konformità ma' diversi rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT li skonthom l-Unjoni tista', fuq talba, tittrasferixxi perċentwal stabbilit tal-kwota mhux użata tagħha tal-opportunitajiet tas-sajd mill-2022 għall-2024. Għalhekk, u sabiex ikun permess, qabel il-bidu tal-istaġuni tas-sajd għall-istokkijiet ikkonċernati, l-użu ta' dawk il-kwantitajiet trasferiti: (i) jenħtieġ li l-kwoti tal-Unjoni għall-alonga tat-Tramuntana (*Thunnus alalunga*) (ALB/AN05N), għall-alonga tan-Nofsinhar (ALB/AS05N), għat-tonn obeż (*Thunnus obesus*) fl-Oċean Atlantiku (BET/ATLANT), kif ukoll għall-pixxispad (*Xiphias gladius*) fl-Oċean Atlantiku, fit-Tramuntana ta' 5° N (SWO/AN05N), u għall-pixxispad fl-Oċean Atlantiku, fin-Nofsinhar ta' 5° N (SWO/AS05N) jiġu emendati biex jirriflettu tali aġġustamenti għall-kwota tal-Unjoni; u (ii) jenħtieġ li l-kwoti tal-Istati Membri taħt dawk il-kwoti tal-Unjoni jiġu emendati skont dan, filwaqt li jitqies il-prinċipju ta' stabbiltà relattiva.

- (9) Fl-14-il laqgħa tagħha li saret f'Samarkand, l-Uzbekistan, mit-12 sas-17 ta' Frar 2024, il-Konferenza tal-Partijiet (Conference of the Parties, COP) għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispċijiet Migratorji tal-Animali Selvaġġi (Conservation of Migratory Species of Wild Animals, CMS) żiedet it-tawru (*Carcharias taurus*) mas-speċijiet protetti elenkati fl-Appendiċi I u II ta' dik il-Konvenzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li daww il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni billi jiġu pprojbiti: (i) il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet kollha; u (ii) bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi fl-ilmijiet tal-Unjoni, biex jistadu għal, iżommu abbord, jittrazzordaw jew iħottu l-art dik l-ispeċi. Madankollu, l-Artikolu 98(2) tar-Regolament (UE) 2023/2124 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>4</sup> diġà stabbilixxa tali projbizzjoni għas-sajd tat-tawru fil-Mediterran. Għalhekk, sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-istess suġġett, fir-rigward tal-Mediterran, jenħtieġ li tali projbizzjoni issa tiġi stabbilita biss għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet kollha għajr il-Mediterran, u għall-bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi fl-ilmijiet tal-Unjoni.
- (10) Kemm l-Artikolu 41(3) kif ukoll l-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) 2024/257 jirreferu għall-istess għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li huma awtorizzati jistadu għall-pixxispad (*Xiphias gladius*) fiż-żoni taż-żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikolu 41(3) jitħassar għal raġunijiet ta' ċarezza legali.
- (11) Jenħtieġ li l-Artikolu 59 tar-Regolament (UE) 2024/257 dwar id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni jiġi kkoreġut fir-rigward ta' miżuri dwar is-sallura (*Anguilla anguilla*) fl-ilmijiet tal-baħar u salmastri tal-Unjoni tas-subżoni 3, 8, 4, 6, 7 u 9 tal-ICES, u l-ilmijiet salmastri tal-Unjoni li jmissu magħhom.

---

<sup>4</sup> Ir-Regolament (UE) 2023/2124 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2023 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran (GFCM) (ĠU L, 2023/2124, 12.10.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2124/oj>)

- (12) Jenħtieġ li ċerti żbalji fit-tabelli tat-TAC fl-Annessi tar-Regolament (UE) 2024/257 jiġu kkoreġuti. Dawn jinkludu żbalji li jikkonċernaw: (i) it-TACs, il-kwoti tal-Unjoni u tal-Istati Membri; (ii) it-tip ta' TAC (jiġifieri "TAC analitika" jew "TAC prekawzjonarja"); (iii) l-applikazzjoni tal-flessibbiltà minn sena għal sena għall-kwoti tal-Istati Membri skont l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96<sup>5</sup>; (iv) deskrizzjonijiet taż-żoni; u (v) kodiċijiet ta' rapportar. Barra minn hekk, f'dawk l-Annessi, jenħtieġ li ċerti dispożizzjonijiet jiġu ċċarati fi: (i) it-tabelli tat-TAC għar-raja ondjata (*Raja undulata*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni 8 u 9 tal-ICES u rispettivament; u (ii) it-tabelli tat-TAC għall-kavall (*Scomber scombrus*) fil-Baħar tat-Tramuntana u fil-Baħar Baltiku.
- (13) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2024/257 jiġi emendat kif xieraq.
- (14) L-opportunitajiet tas-sajd previsti fir-Regolament (UE) 2024/257 japplikaw mill-1 ta' Jannar 2024. Għalhekk, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet introdotti minn dan ir-Regolament dwar l-opportunitajiet tas-sajd japplikaw ukoll minn dik id-data. Tali applikazzjoni retroattiva ma taffettwax il-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi billi l-opportunitajiet tas-sajd ikkonċernati żdiedu jew għadhom ma ġewx eżawriti.

---

<sup>5</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kondizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tal-TAC u l-kwoti (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3).

- (15) Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jikkonċernaw it-tawru japplikaw mill-1 ta' April 2024, li huwa: (i) wara l-14-il laqgħa tal-COP għas-CMS, li saret mit-12 sas-17 ta' Frar 2024; u (ii) qabel id-dħul fis-seħħ tal-emenda għall-Appendiċijiet I u II tas-CMS fis-17 ta' Mejju 2024.
- (16) Minħabba l-urġenza li jiġu evitati interruzzjonijiet fl-attivitajiet tas-sajd, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*  
*Emenda tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/257*

Ir-Regolament (UE) 2024/257 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 20(1), jiddaħħal il-punt li ġej:

"(ba) it-tawru (*Carcharias taurus*) fl-ilmijiet kollha għajr dawk tal-Mediterran;"

(2) fl-Artikolu 41, jitħassar il-paragrafu 3;

(3) l-Artikolu 42 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 42*

*Ġestjoni ta' sajd b'FADs*

1. Fil-Parti taż-żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC li tinsab bejn 20° N u 20° S, bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża, bastimenti awżiljarji, u kwalunkwe bastiment ieħor li jopera b'appoġġ għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża, ma għandhomx jużaw jew iħaddmu FADs jew iqiegħdu xbieki fuqhom bejn il-ħinijiet ta' 00.00 fl-1 ta' Lulju 2024 u 24.00 fil-15 ta' Awwissu 2024.
2. Minbarra l-projbizzjoni stipulata fil-paragrafu 1, għandu jkun ipprojbit li jitqiegħdu xbieki fuq l-FADs fl-ibħra internazzjonali taż-żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC li tinsab bejn 20° N u 20° S għal xahar addizzjonali, minn 00.00 tal-1 ta' April 2024 sa 24.00 tat-30 ta' April 2024, jew minn 00.00 tal-1 ta' Mejju 2024 sa 24.00 tal-31 ta' Mejju 2024, jew minn 00.00 tal-1 ta' Novembru 2024 sa 24.00 tat-30 ta' Novembru 2024, jew minn 00.00 tal-1 ta' Diċembru 2024 sa 24.00 tal-31 ta' Diċembru 2024.

3. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiddeterminaw liema mill-perjodi ta' għeluq imsemmija fil-paragrafu 2 għandhom japplikaw għall-bastimenti tas-sajd b'tartarun tal-borża li jtajru l-bandiera tiegħu. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni sal-15 ta' Frar 2024 dwar l-istaġun magħluq magħżul. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lis-segretarjat tad-WCPFC dwar il-perjodi ta' għeluq magħżula mill-Istati Membri qabel l-1 ta' Marzu 2024.
4. Kull Stat Membru għandu jiżgura li ebda wieħed mill-bastimenti tiegħu b'tartarun tal-borża ma jqiegħed fuq il-baħar, fi kwalunkwe ħin, aktar minn 350 tagħmir biex jinġabar il-ħut bil-bagi tal-istrumenti attivati. Il-bagi għandhom jiġu attivati esklużivament abbord bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża.";

(4) fl-Artikolu 55(1), jiddaħħal il-punt li ġej:

"(aa) tawru (*Carcharias taurus*) fl-ilmijiet kollha tal-Unjoni;"

(5) fl-Artikolu 59, il-punti (a) u (b) jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"(a) l-Artikolu 13(1) u (7), għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Marzu 2025;

(b) l-Artikolu 13(2) sa (6) għandu japplika mill-1 ta' April 2024 sal-31 ta' Marzu 2025;"

- (6) fl-Artikolu 59, jiddaħħlu l-punti li ġejjin:
- "(ca) l-Artikolu 20(1), il-punt (ba) għandu japplika mill-1 ta' April 2024;
- (ga) l-Artikolu 55(1), il-punt (aa) għandu japplika mill-1 ta' April 2024;"
- (7) l-Annessi IA, IG, IH, VI, IX u XI huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

## *Artikolu 2*

### *Dħul fis-seħħ u applikazzjoni*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---